**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN : Siegħa |
|---|---|---|

**Isem :** ____________________________ **Klassi :** ______________

**Total :** ______________

**A. (i) Aqta' sing taħt il-kelma jew il-frażi t-tajba.**

1. Kienu sabu ħafna fossili ta' annimali pre-istoriċi f'(Għar Ħasan, Għar id-Dud, Għar Dalam, Għar Friefet).
2. Għandna naħdmu biex inġibu l-(għira, ġlied, mibegħda, paċi).
3. Il-liġijiet tal-pajjiż isiru (fil-parlament, f'Kastilja, fil-Qorti, fil-posta).
4. (Il-franka, Iż-żonqor, It-tafal, Il-qawwi) mhux blat poruż.
5. Ir-reliġjon (Hindu, Nisranija, Islamika, Buddista) hija r-reliġjon ta' Malta.
6. Fl-Atti ta' l-Appostli hemm ir-rakkont ta' meta (San Pawl, San Pietru, San Ġakbu, San Publiju) ġie Malta.

**A.(ii) Agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi li hi ħażina.**

1. (Sqallija, Franza, Sardenja, Korsika) huma gżejjer li nsibu fil-Mediterran.
2. (Rabat, Żebbuġ, Żurrieq, Mġarr) huma ismijiet ta' postijiet li jinsabu kemm f' Malta kif ukoll f'Għawdex.
3. (Ruma, Madrid, Pariġi, Tuneżija) huma bliet kapitali ta' pajjiżi li jmissu mal-Baħar Mediterran.
4. (It-tniġġiż ta' l-arja, l-inċidenti serji, l-arja pura, il-ħsejjes) huma problemi tat-traffiku.



**(10 marki)**

**B. (i) Dan hu l-arblu tar-razza ta' Ġorġ.**
**Kompli dan l-arblu tar-razza.**
**Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **oħti** | **missieri** | **ziju** | **nannu** | **nanna** |






**(5 marki)**

**B.(ii) Aħna t-tfal għandna drittijiet u dmirijiet bħala membri tal-familja.**
**Aqra dawn:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | nagħmlu x-xogħol ta' l-iskola | 2. | ikollna ċans ta' mistrieħ |
| 3. | nirċievu edukazzjoni xierqa | 4. | nirrispettaw lill-ġenituri tagħna |
| 5. | ngħinu fix-xogħol tad-dar | 6. | nirċievu għajnuna fid-diffikultajiet |
| 7. | nagħtu l-opinjoni tagħna | 8. | inkunu maħbubin |

**ĦAMSA minn dawn t'hawn fuq huma DRITTIJIET.**
**Agħżel id-drittijiet.**
**Ikteb in-numru tagħhom fil-kaxxa. L-ewwel waħda hi lesta.**

[2] [ ] [ ] [ ] [ ]

**(4 marki)**

**Ċ. Aqra din is-silta.**

**<u>L-Imġiba fl-Iskola</u>**

Jien jisimni Sandra. Għandi għaxar snin. Jiena qiegħda fil-klassi tas-Sitt Sena. Tliet xhur oħra se nagħmel l-eżamijiet tal-*Junior Lyceum*.

Mill-bidu tas-sena skolastika bdejna nippreparaw għal dawn l-eżamijiet. Bdejna nitgħallmu wkoll dwar l-imġiba tagħna ma' l-oħrajn. Waqt il-ħin tal-logħob tgħallimna nċedu u naċċettaw telfa.

Fil-ħin tad-diskussjoni, aħna drajna nisimgħu lil xulxin. Aħna tgħallimna napprezzaw l-ideat u l-opinjonijiet ta' ħaddieħor. Hekk sirna aktar tolleranti.

Fil-klassi qegħdin imqassmin fi gruppi. Dan qed jgħinna biex nitgħallmu naħdmu flimkien u naqsmu l-ideat ma' xulxin. Ix-xahar li għadda jiena kont l-*group leader*. Ix-xogħol tiegħi kien li nara li l-membri kollha tal-grupp jagħtu s-sehem tagħhom. Jiena kont nara wkoll li ħadd ma jkun eskluż.

Dan kollu se jgħinni meta mmur fi skola oħra.

1. Imla l-vojt.

It-tfal imorru Kindergarten meta jkollhom tliet snin. Wara huma jmorru l-iskola ____________________. Huma jdumu hemm sitt snin. Meta jkollhom ħdax-il sena, it-tfal jattendu skola ____________________. Hemmhekk huma jkollhom ħafna għalliema ta' suġġetti differenti.

2. Semmi ż-ŻEWĠ affarijiet li tgħallmet Sandra waqt il-ħin tal-logħob ma' sħabha?

(a) ________________________________________

(b) ________________________________________

3. "Hekk sirna aktar **tolleranti**." Għid xi tfisser **tolleranti**.

________________________________________

________________________________________

4. Għid kif il-*group work* jgħin lil Sandra u 'l sħabha?

________________________________________

________________________________________

5. Semmi dmir WIEĦED li għandha Sandra bħala tifla ta' l-iskola.

________________________________________

6. Semmi ŻEWĠ persuni li jaħdmu fl-iskola.

(a) ____________________ (b) ____________________

**(10 marki)**

**D. Aqra tajjeb din is-silta.**
**Wieġeb il-mistoqsijiet.**



F'Għar Dalam sabu għadam ġebli ta' annimali kbar u slavaġ. Illum dawn l-annimali ma jgħixux hawn Malta. Żmien twil ilu, qabel ma Malta saret gżira, dawn l-annimali kienu jgħixu n-naħa t'isfel ta' l-Ewropa.

X'aktarx li f'dak iż-żmien Malta kienet tagħmel parti minn art kbira mimlija foresti, għadajjar, muntanji u xmajjar. F'din l-art kbira dawn l-annimali qatt ma naqashom l-ikel u x-xorb.

1. Semmi TLIET annimali li kienu jgħixu Malta qabel din saret gżira.

____________________ , ____________________ , ____________________

2. Fejn insibu wirja ta' għadam pre-istoriku?

__________________________________________________________

3. X'juri li l-gżejjer Maltin xi darba kienu jagħmlu parti minn art kbira?

__________________________________________________________

__________________________________________________________

4. Agħti kelma oħra flok **għadam ġebli**?

____________________

5. Għaliex dawn l-annimali kbar ma jgħixux fuq gżira żgħira bħal Malta?

__________________________________________________________

__________________________________________________________

**(10 marki)**

**E. (i) Imla l-vojt bil-kliem li jidhru hawn taħt.**
**Tista' tuża ERBGĦA biss.**



| jitla' | termometru | arja | riħ | pinnur | jinżel |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |

Dan l-istrument tat-temp jissejjaħ ____________________. Dan jurina kemm hi sħuna jew kiesħa l-____________________ ta' madwarna. F'dan l-istrument hemm il-merkurju. Meta tkun is-sħana l-merkurju ____________________ u meta tkun il-kesħa l-merkurju ____________________.

**(4 marki)**

**E.(ii) Din il-*graph* turi t-temperatura medja f'Malta matul sena waħda.**
**Aqra l-*graph* u wara imla l-vojt.**




1. F'Jannar u fi Frar it-temp kien ____________________ (sħun, kiesaħ, moderat, jaħraq).
2. F'Marzu t-temperatura medja kienet ____________________ grad Celsius.
3. F'Ġunju t-temperatura medja kienet ____________________ grad Celsius.
4. It-temp kien l-aktar sħun f' ____________________ u f'____________________.
5. Il-linja tal-*graph* ____________________ (tinżel, togħla, tibqa' l-istess) meta t-temperatura tiżdied.

**(6 marki)**

**F. (i) Turist Ingliż żar bajjiet u postijiet interessanti fil-gżejjer Maltin.**
**Ħares sew lejn il-mappa tal-gżejjer Maltin.**
**Wara qabbel in-numru mal-post.**
**Wieħed minnhom hu lest.**




| | | | |
|---|---|---|---|
| Ir-Rabat (Malta) | 5 | Il-Belt Valletta | |
| Iċ-Ċirkewwa | | L-Imġarr (Għawdex) | |
| Il-Birgu | | Ix-Xlendi | |
| Tas-Sliema | | Victoria | |
| Il-Mellieħa | | Marsaxlokk | |
| Marsalforn | | | |

**(10 marki)**

**F.(ii) F'Malta u f'Għawdex it-turist għamel ħafna affarijiet.**
**Qabbel l-attività mal-post.**
**L-ewwel waħda lesta.**

| | **Attività** | | **Post** |
|---|---|---|---|
| 1. | Ra bosta sajjieda u luzzijiet. | | Ir-Rabat (Malta) |
| 2. | Mar iżur iċ-Ċittadella. | | Marsalforn |
| 3. | Rikeb il-vapur lejn Għawdex. | | Iċ-Ċirkewwa |
| 4. | Ra l-membri parlamentari deħlin il-Parlament. | | Victoria |
| 5. | Mar iżur il-katakombi u l-fdalijiet Rumani. | 1 | Marsaxlokk |
| 6. | Mar f'bajja popolari f'Għawdex. | | Il-Belt Valletta |

**(5 marki)**







**Ġ. Imla l-vojt bil-kliem li jidhru hawn taħt.**
**Tista' tuża' GĦAXRA biss.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **jistadu** | **Ipoġew** | **ħajja** | **baħar** | **Oraklu** | **bdiewa** |
| **jidfnu** | **art** | **Ġgantija** | **bennejja** | **ġebel** | **metall** |





L-ewwel nies ġew Malta b'xi ċattra jew dgħajsa. Dawn qasmu l-________________ minn Sqallija.

Għall-ewwel kienu joqogħdu f'xi għar. Huma kienu jieklu ħobż li kienu jagħmlu mid-dqiq. Id-dqiq isir mill-qamħ. Biex jagħmlu d-dqiq riedu jkabbru l-qamħ. Għalhekk naħsbu li dawn in-nies kienu jagħmlu x-xogħol ta' __________________. Huma kienu wkoll imorru __________________ biex jaqbdu l-ħut.

Dawn in-nies bnew ħafna tempji sbieħ b'ġebel kbir. Wieħed minnhom hu t-tempju tal- _________________ f'Għawdex. Għalhekk aħna nafu li dawn in-nies kienu wkoll ___________________ tas-sengħa.

Ġewwa Ħal Saflieni nsibu l-__________________. Dan hu tempju mħaffer taħt l-art. Dan ħaffruh fi żmien ir-ram u għalhekk ma użawx għodda tal-_________________. Huma kienu jużaw parti minn dan il-post biex _________________ l-mejtin tagħhom. Bla dubju ta' xejn l-isbaħ kamra hija s-Sancta Sanctorum. Kamra sabiħa oħra hija l-_________________. Huma bnew din il-kamra għax ħasbu li b'hekk setgħu jitkellmu ma' l-allat tagħhom. F'din il-kamra hemm tpinġija ta' lewn aħmar magħrufa bħala s-siġra tal-_________________ .



**(10 marki)**

**G. Aqra sew din is-silta dwar l-Assedju l-Kbir.**
**Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Fl-1530 il-Kavallieri ta' San Ġwann ġew fil-gżejjer Maltin. F'dan iż-żmien it-Torok bdew jaħsbu biex jattakkaw lil Malta. Il-mexxej tagħhom kien is-Sultan Sulejman. Hu kien l-akbar għadu tal-Kavallieri. Fl-1565 huwa bagħat armata kbira biex jipprova jirbaħ lil Malta. It-Torok attakkaw lil Malta iżda l-Maltin u l-Kavallieri ġġieldu bi qlubija kbira. It-Torok bdew jitilfu ħafna nies.

Il-Kavallieri talbu l-għajnuna tal-pajjiżi ħbieb tagħhom. Meta t-Torok semgħu l-aħbar li waslet l-għajnuna, huma ħarbu lura lejn pajjiżhom. Hekk fit-8 ta' Settembru l-Maltin u l-Kavallieri ċċelebraw ir-rebħa fuq it-Torok.

1. X'jissejjaħ l-attakk li t-Torok għamlu fuq Malta fl-1565?

_______________________________________________

2. X'kien jismu l-mexxej tat-Torok?

_______________________________________________

3. X'kien jismu l-Granmastru li mexxa lill-Maltin u 'l-Kavallieri għar-rebħa?

_______________________________________________

4. Għala t-Torok attakkaw lil Malta? Agħti ŻEWĠ raġunijiet.

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________

5. X'kienu d-diffikultajiet li kellhom it-Torok waqt dan l-Assedju? Semmi TLIETA.

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________

(ċ) _______________________________________________

6. Għaliex din ir-rebħa kienet tfisser ħafna għal Malta? Ikteb ŻEWĠ raġunijiet.

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________

**(10 marki)**

**GĦ. Agħżel WIEĦED minn dawn.**
**Ikteb 8 sentenzi dwaru.**
**In-noti jistgħu jgħinuk.**

1. **Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta** – il-vjaġġ, in-nawfraġju, id-dħul tat-twemmin nisrani f'pajjiżna, postijiet marbuta ma' San Pawl

2. **It-Tmexxija tal-Pajjiż** – l-elezzjoni, il-parlament Malti, liġijiet, gvern u oppożizzjoni, il-qorti tal-ġustizzja, il-pulizija

3. **It-Trasport fuq l-Art** – Żvilupp fit-trasport f'Malta mill-antik sal-lum, problemi li jġib it-traffiku fit-toroq

**(16-il marka)**

**Tmiem il-Karta**